**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Salome Chetcuti

vs

Abela Woodworks

CCT 98/17/MS

28 ta' Mejju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Mejju 2017, fejn talbet ghar-rifuzjoni ta' elf Euro, depozitu mhallas lill-intimat fuq xoghol ta' injam, liema xoghol minkejja t-trapass ta' zmien, baqa' ma sarx.

Ra r-risposta tal-intimat fejn cahad it-talba tar-rikorrenti bhala infondat u fi kwalunkwe kaz ma kienx gie miftiehem terminu meta x-xoghol kellu jitlesta.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti tal-process.

Ikkunsidra

Illi kien sar ftehim verbali bejn il-partijiet illi l-intimat kellu jahdem skrivanija tal-injam u xoghol iehor ghar-rikorrenti versu l-prezz ta' elf u tmien mitt Euro. Victoria Chetcuti, omm ir-rikorrenti u ghan-nom taghha tat lill-intimat zewg pagamenti ta' hames mitt Euro - wiehed f'Awwissu ta' 2016 u iehor f'Ottubru 2016. Skond ir-rikorrenti, wara l-pagament ta' Awwissu, l-intimat kien qalilhom li x-xoghol kellu jkun lest f'Settembru 2016. Dan pero' ma sarx peress illi skond hi l-intimat kien qed jahdem xi xoghol fi skola kif ukoll f'supermarket. Madankollu ir-rikorrenti, xorti hallset depozitu iehor f'Ottubru 2016. Ghaddiet is-sena u bdiet sena ohra u minkejja hafna ssikkar min-naha tar-rikorrenti, l-intimat xorta ma wettaqx l-obbligu tieghu bi skuza jew ohra sabiex jittardja fix-xoghol li

kellu jaghmel. Illi wara April tat-2017, ir-rikorrenti kkuntattjat l-ufficju tal-konsumatur, biex forsi jsir kompromess, izda ma sarx ftehim u x-xoghol kuntrattat baqa' ma sarx.

Illi min-naha l-ohra, l-intimat Ronald Abela ma jinnegax illi sar ftehim mar-rikorrenti ghal kostruzzjoni ta' skrivanija u xoghol iehor. Ighid biss li ma kienx sar ftehim ghal terminu u ghalhekk kien gustifikat illi jwettaq ix-xoghol kumdita' tieghu, meta jidhirlu opportun. Ighid illi ma ntlahaqx ftehim mar-rikorrenti biex ix-xoghol jigi esegwit f'Gunju 2017 u li f'Jannar 2018 kien ma jiflahx u dahal lura ghax-xoghol fis-27 ta' Jannar u meta cempel lir-rikorrenti biex jara kif ser jibqghu fuq ix-xoghol dina infurmatu illi issa qeghdin quddiem it-Tribunal u thalli lil dan jiddeciedi.

Ikkunsidra

Illi meta r-rikorrenti u l-intimat ftehmu fuq xoghol, identifikaw dak li kellu jsir u finalment thallas depozitu ta' elf Euro, il-partijiet dahlu f'obbligazjonijiet kuntrattwali fejn l-intimat kien obbligat illi jesegwixxi dak li kien gie miftiehem u r-rikorrenti kienet obbligata li thallas l-ammont shih darba l-appalt ikun gie ezegwit. Minkejja li ma sarx ftehim bil-miktub ma jfissirx illi l-intimat ghandu xi obbligazzjonijiet inqas minn haddiehor li jkun ghamel ftehim bil-kitba. Darba thallas id-depozitu, r-rabta giet kompluta f'kull terminu u sens tal-ligi u minkejja li ma ssemix zmien, l-intimat kien obbligat illi jesegwixxi x-xoghol fi zmien ragenevoli. Ir-rikorrenti tghid illi kienu ftehmu li x-xoghol kellu jitlesta sa''Settembru 2016. L-intimat ighid illi kien ftiehem mar-rapprezentant tal-konsumatur (Ms Lorna Vella) li hu kien dispost li jlesti x-xoghol sa' Gunju 2017 (allura disa' xhur wara il-ftehim originali). Anke din l-ahhar data ghaddiet inutilment u sal-gurnata tal-prolazzjoni ta' din is-sentenza, l-intimat baqa' ma esegwix dak li kien legalment ikkuntrattat li jesegwixxi. Bhala turija ta' rieda tajba, kien hemm il-hsieb quddiem dan it-Tribunal illi l-intimat jinghata opportunita' li jlesti x-xoghol fil-perjodu tal-Milied u s-sena l-gdida 2017/2018. Pero' anke hawnekk l-intimat baqa' inadempjenti peress illi kien ma jiflahx.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-intimat waqa' mill-obbligazzjoni legali li kellu mar-rikorrenti u din tal-ahhar tisthoqq li t-talba taghha tkun milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-intimat l jirrifondilha s-somma ta' elf Euro. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru